



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

**A7-0247/2013**

1.7.2013

# RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja fis-sod fir-rigward tal-qafas finanzjarju pluriennali, biex iqisu l-ħtiġijiet ta' nfiq li jirriżultaw mill-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea  
(COM(2013)0157 – C7-0074/2013 – 2013/2055(ACI))

Kumitat għall-Baġits

Rapporteur: Reimer Böge

**WERREJ**

**Paġna**

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	3
ANNESS .....	6
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT .....	9

## **PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda l-Ftehim Interistituzzjonal tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja fis-sod fir-rigward tal-qafas finanzjarju pluriennali, biex iqisu l-ħtiġijiet ta' nfiq li jirriżultaw mill-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (COM(2013)0157 – C7-0074/2013 – 2013/2055(ACI))

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2013)0157),
  - wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonal tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja fis-sod<sup>1</sup> (FII tas-17 ta' Mejju 2006), u b'mod partikulari l-punt 29 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013, kif adottat fit-12 ta' Diċembru 2012<sup>2</sup>,
  - wara li kkunsidra l-abbozz ta' baġit emendantorju Nru 1/2013 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013, li l-Kummissjoni adottat fit-18 ta' Marzu 2013 (COM(2013)0156),
  - wara li kkunsidra l-pożizzjoni dwar l-abbozz tal-baġit emendantorju Nru 1/2013, li l-Kunsill adotta fis-26 ta' Ġunju 2013 (11607/2013 – C7-0000/2013),
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kunitat għall-Baġits (A7-0247/2013),
- A. billi l-Kummissjoni, f'konformità mal-punt 29 tal-FII tas-17 ta' Mejju 2006, b'mod parallel mal-baġit emendantorju Nru 1/2013 ressqt proposta lill-awtorità baġitarja li għandha l-għan li taġġusta l-qafas finanzjarju pluriennali sabiex fil-Baġit 2013 jiġu inkorporati l-approprazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament meħieġa biex ikopru n-nefqa marbuta mal-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni sa mill-1 ta' Lulju 2013,
- B. billi ż-żieda proposta ta' EUR 666 miljun f'impenji u EUR 374 miljun f'pagamenti tirrifletti l-qbil dwar il-pakkett finanzjarju fil-Konferenza tal-Adeżjoni tat-30 ta' Ġunju 2011, għajr l-intestatura 5, peress li n-nefqa amministrattiva marbuta mal-adeżjoni tal-Kroazja hija digħi inkluża fil-Baġit 2013,
1. Jieħu nota tal-proposta għal deċiżjoni li temenda l-FII tas-17 ta' Mejju 2006 kif imressqa mill-Kummissjoni u tal-pożizzjoni tal-Kunsill dwar din il-proposta;
  2. Jenfasizza n-natura purament teknika ta' din ir-reviżjoni, li sempliċement hija l-konsegwenza tal-ftehim unanimu dwar it-Trattat dwar l-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea (it-Trattat tal-Adeżjoni) bħala t-28 Stat Membru tal-Unjoni; jenfasizza li minħabba f'hekk, ir-reviżjoni tal-FII li jakkumpanja l-baġit emendantorju Nru 1/2013 inżammet separata mid-dibattitu politiku interistituzzjonal li għaddej bħalissa

<sup>1</sup> ĠU C 139, 14.6.2006, p.1.

<sup>2</sup> ĠU L 66, 8.3.2013.

dwar kif għandha tkun solvuta l-kwistjoni tal-pagamenti pendent i mill-2012 u min-negożjati dwar il-baġit emendantorju Nru 2/2013;

3. Ifakk li skont il-punt 29 tal-FII tas-17 ta' Mejju 2006, ir-riżorsi li jiffinanzjaw l-adeżjoni ta' Stat Membru ġdid mal-Unjoni għandhom jiġu koperti permezz ta' aġġustament tal-qafas finanzjarju, jiġifieri reviżjoni tal-limiti massimi tal-impenji u l-pagamenti għall-2013;
4. Itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-perjodu ta' tmien ġimħat stipulat fl-Artikolu 4 tal-Protokoll (Nru 1) dwar ir-Rwol tal-Parlamenti Nazzjonali fl-Unjoni Ewropea biex il-parlamenti nazzjonali jiġu infurmati dwar kull att leġiżlattiv ma għandux japplika għal kwistjonijiet baġitarji; jiddispjaċi, għalhekk, li minkejja t-terminu ta' żmien ristrett ħafna għad-dħul fis-seħħ ta' dan l-aġġustament u tal-baġit emendantorju Nru 1/2013 il-Kunsill xorta waħda ħalla dan il-perjodu jiskadi qabel ma adotta l-pożizzjoni tiegħu, u b'hekk naqqas iż-żmien għall-adozzjoni mill-Parlament kif previst mit-Trattat;
5. Jiddispaċi ukoll għad-diffikoltà li biha, saħansitra wara li skada t-terminu ta' tmien ġimħat, il-Kunsill laħaq qbil dwar din ir-reviżjoni, liema fatt wassal għal dewmien fid-disponibbiltà tal-finanzjament għall-Kroazja dovut sa mill-1 ta' Lulju 2013; iwissi li dan jeħtieġ ma joħloqx preċedent għal tkabbir futur;
6. Jilqa' l-qbil aħħari tal-Kunsill mar-reviżjoni, mingħajr ebda kumpens, tal-limiti tal-pagamenti għall-2013 bl-ammont meħtieġ ta' EUR 374 miljun; iqis li, meta wieħed jikkunsidra l-ammont limitat ikkonċernat u n-nuqqas attwali ta' appoprjazzjonijiet ta' pagament fil-baġit 2013, dan huwa l-mod xieraq kif jiġi ssodisfat l-obbligu li ħadu l-Istati Membri huma u jiffirmaw it-Trattat ta' Adeżjoni u kif jiġu rispettati d-dispożizzjonijiet tal-punt 29 tal-FII tas-17 ta' Mejju 2006;
7. Jiddeplora, madankollu, il-fatt li, fir-rigward tar-reviżjoni fl-impenji, il-Kunsill iddeċieda li ma jagħtix kas l-importanza politika tal-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni bħala tali, u minflok għażel il-kumpens tal-appoprjazzjonijiet meħtieġa; jikkundanna l-fatt li dan jikkontradixxi l-ispirtu tad-deċiżjoni unanima meħuda bl-iffirmar tat-Trattat tal-Adeżjoni kif ukoll tal-FII tas-17 ta' Mejju 2006; jenfasizza li tali deċiżjoni tibgħat messaġġ politiku żbaljat mhux biss lill-Kroazja iż-żda wkoll lill-pajjiżi kandidati l-oħrajn; jenfasizza li din id-deċiżjoni tal-Kunsill hija aċċettata biss għaliex tikkonċerna l-aħħar sitt xħur tal-QFP attwali (2007-2013); jindika li dan m'għandux jikkostitwixxi preċedent għal tkabbir futur li jista' jseħħ taħt il-QFP li jmiss (2014-2020);
8. Jiddispjaċi li l-intestatura 5 ġiet identifikata bħala s-sors ewljeni għall-kumpens tal-impenji, peress li dan jaġi iwassal għan-nuqqas ta' riżorsi neċċesarji biex ikopru l-aġġustamenti tas-salarji kkontestati fil-każ li s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tasal qabel tmiem l-2013;
9. Madankollu, minkejja l-importanza politika u l-urġenza ġuridika biex ikun żgurat il-finanzjament meħtieġ għall-Kroazja, jiddeċiedi li japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni hekk kif emadata mill-Kunsill;
10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-

President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;

11. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, inklużi l-annessi, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## **ANNESS**

### **Proposta għal**

#### **DEĊIJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**Li temenda l-Ftehim Interistituzzjonal tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja fis-sod fir-rigward tal-qafas finanzjarju pluriennali, biex iqisu l-ħtiġijiet ta' nfiq li jirriżultaw mill-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea**

**IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonal tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja fis-sod<sup>1</sup>,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) It-Trattat dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea<sup>2</sup> jistipula dispożizzjonijiet tranżitorji fi kwistjonijiet baġitarji.
- (2) Il-Konferenza tal-Adeżjoni tat-30 ta' Ġunju 2011 approvat ir-riżultati tan-negozjati li ddeterminaw il-ħtiġijiet tan-nefqa, li jirriżultaw mill-adeżjoni tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Lulju 2013.
- (3) L-adeżjoni tal-Kroazja tirrikjedi aġġustament tal-qafas finanzjarju pluriennali 2007-2013 għas-sena 2013 u żieda tal-limiti massimi ta' appoprjazzjonijiet ta' impenn għas-sena 2013 bl-ammont totali ta' EUR 603 miljun fi prezziżżejjet attwali, maqsumin f'EUR 47 miljun għas-subintestatura 1a, EUR 450 miljun għas-subintestatura 1b, EUR 31 miljun għas-subintestatura 3b u EUR 75 miljun għall-intestatura 6, li għandha tīgi kkumpensata bis-shiħbi tnaqqis fil-limitu massimu għall-appoprjazzjonijiet ta' impenn għas-sena 2013 skont l-intestatura 5 għall-istess ammont.
- (4) L-adeżjoni tal-Kroazja tirrikjedi wkoll l-aġġustament tal-limitu massimu għall-appoprjazzjonijiet ta' pagament għall-2013, billi jiżdied b'ammont ta' EUR 374 miljun fi prezziżżejjet attwali.

<sup>1</sup> ĠU C 139, 14.6.2006, p.1.

<sup>2</sup> ĠU L 112, 24.4.2012, p. 10.

- (5) Il-qafas finanzjarju għall-Unjoni Ewropea maqbul fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja fis-sod għandu jiġi aġġustat biex iqis l-adeżjoni tal-Kroazja għall-perjodu mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru 2013.
- (6) L-Anness I tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja fis-sod għandu għaldaqstant jiġi emendat kif xieraq<sup>1</sup>,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

*Artikolu Waħdieni*

L-Anness I għall-Ftehim Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja fis-sod huwa sostitwit bl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi [...], [...]

*Għall-Parlament Ewropew*

*Għall-Kunsill*

---

<sup>1</sup> Għal dan il-għan, iċ-ċifri li jirriżultaw mill-ftehim imsemmi hawn fuq huma maqluba għal prezziżjet tal-2004.

**ANNESS**

(miljuni ta' EUR - prezzi jiet kostanti 2004)

APPROPRJAZZJONIJIET TA' IMPENN	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013	Totali 2007-2013
<b>1. Tkabbir sostenibbli</b>	<b>50.865</b>	<b>53.262</b>	<b>55.879</b>	<b>56.435</b>	<b>55.693</b>	<b>57.708</b>	<b>59.111</b>	<b>388.953</b>
1a Kompetittività għat-Tkabbir u l-Impjieggi	8.404	9.595	12.018	12.580	11.306	12.677	13.112	79.692
1b Koeżjoni għat-tkabbir u l-impjieggi	42.461	43.667	43.861	43.855	44.387	45.031	45.999	309.261
<b>2. Preservazzjoni u ġestjoni tar-riżorsi naturali</b>	<b>51.962</b>	<b>54.685</b>	<b>51.023</b>	<b>53.238</b>	<b>52.136</b>	<b>51.901</b>	<b>51.284</b>	<b>366.229</b>
li minnhom: nefqa relatata mas-suq u pagamenti diretti	43.120	42.697	42.279	41.864	41.453	41.047	40.645	293.105
<b>3. Ċittadinanza, libertà, sigurtà u ġustizzja</b>	<b>1.199</b>	<b>1.258</b>	<b>1.375</b>	<b>1.503</b>	<b>1.645</b>	<b>1.797</b>	<b>2.014</b>	<b>10.791</b>
3a Libertà, Sigurtà u Ġustizzja	600	690	785	910	1.050	1.200	1.390	6.625
3b Ċittadinanza	599	568	590	593	595	597	624	4.166
<b>4. UE bħala attur globali</b>	<b>6.199</b>	<b>6.469</b>	<b>6.739</b>	<b>7.009</b>	<b>7.339</b>	<b>7.679</b>	<b>8.029</b>	<b>49.463</b>
<b>5. Amministrazzjoni<sup>(1)</sup></b>	<b>6.633</b>	<b>6.818</b>	<b>6.816</b>	<b>6.999</b>	<b>7.044</b>	<b>7.274</b>	<b>7.106</b>	<b>48.690</b>
<b>6. Kumpensi</b>	<b>419</b>	<b>191</b>	<b>190</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>63</b>	<b>863</b>
<b>APPROPRJAZZJONIJIET TA' IMPENN TOTALI</b>	<b>117.277</b>	<b>122.683</b>	<b>122.022</b>	<b>125.184</b>	<b>123.857</b>	<b>126.359</b>	<b>127.607</b>	<b>864.989</b>
bħala perċentwali tad-DGN	1,08%	1,09%	1,06%	1,06%	1,03%	1,03%	1,01%	1,05%

<b>APPROPRJAZZJONIJIET TA' PAGAMENT TOTALI</b>	<b>115.142</b>	<b>119.805</b>	<b>109.091</b>	<b>119.245</b>	<b>116.394</b>	<b>120.649</b>	<b>120.731</b>	<b>821.057</b>
bħala perċentwali tad-DGN	1,06%	1,06%	0,95%	1,01%	0,97%	0,98%	0,96%	1,00%
Marġini disponibbli	0,18%	0,18%	0,29%	0,22%	0,26%	0,25%	0,27%	0,23%
Limitu massimu tar-riżorsi propri bħala perċentwali tad-DGN	1,24%	1,24%	1,24%	1,23%	1,23%	1,23%	1,23%	1,23%

<sup>(1)</sup> In-nefqa fuq il-pensjonijiet inkluża taħt il-limitu massimu ta' din l-intestatura hija kkalkolata bil-kontribuzzjonijiet tal-persunal fl-iskema rilevanti mnaqqsa, li ma taqbix il-EUR 500 miljun skont il-prezzijiet tal-2004 għall-perjodu 2007-2013.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	1.7.2013
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+ : 34 - : 2 0 : 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Marta Andreasen, Reimer Böge, Zuzana Brzobohatá, Jean Louis Cottigny, Göran Färm, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazábal Rubial, Salvador Garriga Polledo, Ivars Godmanis, Ingeborg Gräßle, Lucas Hartong, Jutta Haug, Monika Hohlmeier, Sidonia Elżbieta Jędrzejewska, Anne E. Jensen, Jan Kozłowski, Alain Lamassoure, Giovanni La Via, George Lyon, Jan Mulder, Vojtěch Mynář, Juan Andrés Naranjo Escobar, Nadezhda Neynsky, Dominique Riquet, Alda Sousa, Helga Trüpel, Oleg Valjalo, Derek Vaughan, Angelika Werthmann
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Frédéric Daerden, Derk Jan Eppink, Jürgen Klute, Ivana Maletić, Jan Olbrycht, Paul Rübig, Nils Torvalds